KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 362**

**It-Tnejn 12 ta' Novembru, 2018**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sra. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**
Kulħadd kien preżenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sra. Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi – 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**362.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**362.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

362.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 361.

362.2.2 **Punti li joħorġu mill-Minuti**

362.2.3 361.2.3 Is-Sindku qalet li bħalissa għaddejja l-manutensjoni tal-outdoor gym kif skedat. Hija talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex jintablu stimi għall-installazjoni ta' cctv's fl-inħawi.

362.2.4 361.2.4 Is-Sindku qalet li ma kien hemm l-ebda risposta mingħand il-Ministru għal għajnuna fl-ogħti ta' konkos għat-toroq tal-bdiewa. Hija qalet li l-WSC ikkonfermaw li x-xogħol ser jibda minn Triq il-Fawwara u skedat li jibda għall-aħħar ta' din is-sena.

362.2.5 361.11.1 Is-Sindku qalet li l-attivita' tat-tfal tal-21t'Ottubru kienet suċċess u intlaqgħet tajjeb ħafna. Kien hemm talba ġenerali li attivitajiet simili jidħlu fil-kalendarju annwali tal-Kunsill.

362.2.6 Is-Sindku proponiet li l-laqgħa mar-residenti u sidien ta' garaxijiet ta' Triq Ħal Xluq issir l-Erbgħa 28 ta' Novembru 2018 fis-6.00ta' filgħaxija. Il-Viċi Sindku propona li jiġu mistiedna wkoll ir-residenti u sidien ta' garaxxijiet ta' Triq l-Iskola wkoll. Il-Kunsill unanimament qabel.

362.2.7 Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 361 ikunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**362.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

362.3.1 **Memorandum of Understading dwar Bereġ fil-Lokal**
Is-Sindku qalet li l-Kunsill Lokali ġie provdut b'Memorandum of Understanding bejn il-Primary Health Care u l-AKL, dwar il-bereġ fil-lokal. Is-Sindku preżentat kopja lill-Kunsilliera u proponiet li jiġi kkonfermat jekk dan il-ftehim japplikax għall-Berġa fis-Siġġiewi minħabba li l-Berġa diġa kienet tinsab fi-bini tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel unanimament li jiġi kjarifikat dan.

362.3.2 **Karta tal-Integrazzjoni fuq Livell Lokali u Pjan ta' Azzjoni 2019**
Is-Sindku preżentat Karta tal-Integrazzjoni fuq Livell Lokali u Pjan ta' Azzjoni għas-sena 2019, imħejji mill-AKL sabiex tgħin lill-barranin li jiġu joqogħdu fil-lokal. Hija qalet li bħal ma diġa saru fis-snin preċedenti, ser jiġu inklużi korsijiet kemm tal-malti u tal-ingliż bażiku mal-iskeda tas-sena d-dieħla. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill Lokali jorganizza xi attivitajiet proposti f'dan id-dokument u li għandhom l-għan li jtejbu l-integrazzjoni fil-komunità.

362.3.3 Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jinnomina lil artist Michael Vassallo, għal premju Soċjeta Ġusta, mogħti mis-SP għall-Persuni b'Diżabilta' u Anzjanita' attiva.Il-Kunsill unanimament qabel.

362.3.4 Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jinnomina lil Matthew Deguara għal premju Żgħażugħ tas-sena mogħti mill-Moviment Kerygma. Il-Kunsill unanimament qabel.

362.4 **Komunikazzjoni u Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

362.4.1 Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn isir patching urġenti f'ċertu toroq fosthom Ta' Brija, Triq l-Imqabba, Triq it-Tiġrija, Triq Blat il-Qamar, minħabba li inqalgħu bil-maltemp.

362.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa għaliex il-lattrina tal-playing field Nalizpelra tinsab magħluqa. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li kien hemm xi ħsarat fil-pompa li ttella l-ilma mill-ġiebja u bħalissa tinstab mingħajr ilma Fil-jiem li ġejjin ser jitwaħħal il-metre tal-ilma, u jissewwew ukoll il-ħsarat.

362.4.3 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li reġa hemm ilment rigward il-ġbir ta' skart minn Triq il-Kbira bit-trakk il-kbir. Il-Kunsill Lokali qabel b'mod unanimu li ssir laqgħa mal-kuntrattur u jintalab juża trakk żgħir għal toroq dojoq. Fil-laqgħa għandu jitfassal pjan mal-kuntrattur fuq toroq li jeħtieġu dan is-servizz.

362.5 **Tenders u Proġetti**

362.5.1 Proġett San Niklaw
Is-Sindku ppreżentat pjanti mħejjija mill-perit biex isir pavimentar u proġett ta' *Green Infrastructure* quddiem il-Kappella ta' San Niklaw. Hi qalet li dalwaqt se tiġi ppublikata sejħa għall-fondi tal-UE, mill-Majjistral Action Group għall-proġetti ta' *Green Infrastructure* u l-Kunsill Lokali jkun jista' japplika b'dan il-proġett. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

362.5.2 Is-Sindku infurmat li l-permess tal-Proġett ta' Għar Lapsi kien ġie approvat mill-PA. Il-Kunsill Lokali kien qed jistenna l-permessi mingħand l-Awtorità tal-Ambjent biex ikunu jistgħu jibdew x-xogħolijiet. Hi fakkret li x-xogħolijiet ta' tisbiħ se jsiru mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi waqt li l-KunsilI Lokali se jinvesti f'bandli ġodda. Is-Sindku qalet li t-tender tal-Playground equipment qiegħed fil-proċess ta' evalwazzjoni.

362.5.3 Is-Sindku infurmat li l-proċess ta' evalwazzjoni tat-tender tal-Proġett tan-Night Shelter (LCS7/17) kien lest, u l-kuntrattur Rockcut Ltd. kien propost li rebaħ it-tender peress li kien tefa' l-irħas offerta.

362.5.4 Is-Sindku infurmat li t-tender tal-Ħitan tas-sejjieħ (LCS24/17A) kien ġie evalwat u ġie propost Warren Camilleri bħala l-uniku u l-irħas offerent.

362.5.5 Is-Sindku infurmat li t-tender Installation and Maintenance of Traffic Signs and Road Markings (LCS51/18) ġie evalwat u propost li jingħata lill-kuntrattur B'Grima & Sons. Ltd. bħala l-irħas offerent.

362.6 **Vakanza ta' Assistent Uffiċċjal Prinċipali (Skala 11)**

Is-Sindku infurmat li issa li s-Segretarju Eżekuttiv ġie konfermat, inħolqot vakanza fil-Kunsill. Għalhekk, qed tipproponi li tinħareġ sejħa interna għal Assistent Uffiċċjal Prinċipali fi Skala 11. Il-Kunsill unanimament qabel.

362.7 **Ftehim – Ħaddiema fuq Skemi**

Is-Sindku infurmat li l-Community Work Scheme Enterprise Foundation kienet bagħtet ħaddiem mal-Kunsill tas-Siġġiewi biex jagħmel xogħol ta' handy-man. Hija kompliet tgħid li l-AKL kienet fasslet ftehim bejn l-AKL, f'isem il-Kunsilli Lokali, RSSL u CWSEF, għall-ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali taħt dawn l-iskemi, b'effett mill-1 ta' Jannar 2019. Il-Kunsilliera ġew preżentati b'kopja tal-agreement. Is-Sindku talbet lill-Kunsill japprova l-iffirmar ta' dan l-agreement, li jinkludi il-ħlas ta' performance bonus ta' massimu ta' €450 annwali għall-ħaddiem tal-CWS (għad-diskrezzjoni tal-Kunsill) . Il-Kunsill qabel li jiġi iffirmat dal-ftehim.

362.8 **Talba għal permess ta' one time event fi Triq Ta' Kilpa**

Is-Sindku rreferiet il-Kunsill għal talba riċevuta sabiex tingħalaq Triq ta' Kilpa għal one-time event. Wara diskussjoni fost l-Kunsilliera sar qbil fuq kundizzjonijiet għall-immaniġjar tat-traffiku fiż-żona bi preparazzjoni u waqt l-attività. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament fuq set ta' kundizzjonijiet biex ikun jista' jinħareġ il-permess.

362.9 **Attivitajiet:**

362.9.1 **EWWR – European Week for waste Reduction**

Is-Sindku qalet li l-attivita' ser issir fit-22 ta' Novembru 2018, fis-Sala tal-Kulleġġ San Injazju. Għal din l-attivita' ser ikunu preżenti l-anzjani tad-day centre flimkien mat-tfal tal-iskola, u l-karattru tan-Nannakola. It-tema ser tkun 'kif tiddisponi minn skart perikoluż'. Is-Sindku talbet li jinxtraw żewġ konteorituri u jitfassal disinn mit-tfal u anzjani biex jintużaw fl-attivita', u f'attivitajiet oħra ta' kampanja edukattiva fuq l-iskart.

362.9.2 **Pjazza Milied 2018**

Is-Sindku qalet li bħala attrazzjoni fl-attivita' ta' Pjazza Milied, ser isiru vjaggi b' karozza tal-linja tradizzjonali, li ħa tagħmel dawra kulturali mar-raħal koordinata mal-Għaqda Kulturali Siġġiewi. It-tfal ser jingħataw St Nicholas Bag (goodie bag). Hi qalet li din is-sena ser ikun hemm il-parteċipazzjoni tas-Siġġiewi Brass Band minbarra l-Banda San Nikola waqt l-attivita' waqt li l-għaqdiet u ħwienet ġew infurmati li jistgħu jorganizzaw stand.

362.9.3 **Inizjattiva mill-Malta Community Chest Fund**

Is-Sindku qalet li kien hemm talba mill-Uffiċċju tal-President biex il-Kunsill jgħin fix-xiri ta' ktieb *Encounters with Valletta A Baroque City Through the Ages*, liema qliegħ imur għal Community Chest Fund. Il-Prezz tal-ktieb huwa 80ewro. Il-Kunsill qabel li jinxtraw żewġ kotba.

362.10 **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

362.10.1 *PC0033/18 – Revision to South Malta Local Plan – Establishment of official alignments, building heights and designations which include areas for development, green areas and a buffer zone.*

Is-Sindku u Viċi Sindku spjegaw il-policy preżenti u kif permess ta' din l-applikazzjoni se tiġi affetwata l-Knisja l-Qadima tas-Siġġiewi u l-inħawi tal-madwar. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li ssir oġġezzjoni u li l-Kunsill Lokali jinsisti li l-policy tibqa' skont dik eżistenti.

362.10.2 Bord dwar barriera tas-Salvatur fl-inħawi Ta' Kandja. Is-Sindku qalet li l-Kunsill Lokali huwa msejjaħ għall-vot fuq id-deċiżjoni ta' dan l-permess. Il-Kunsill Lokali kien għamel sottomissjoni li permess tagħha talab li jiġi kkunsidrat l-fatt li fiż-żona diġa' qed jgħaddu vetturi kbar. Il-Kunsill Lokali kien se jikkonsulta mal-perit fuq din l-applikazzjoni qabel il-vot fuq il-Bord tal-PA.

362.10.3 Is-Sindku qalet li saret li kien hemm applikazzjoni għal Renewal tal-iżvilupp fis-sit fi Triq Nikol Zammit, Triq Dun Manuel Zammit u Triq l-Imdina. Il-Kunsill Lokali se jkun qed iressaq l-oġġezzjoni tiegħu għal darba oħra u b'konsistenza mal-applikazzjonijiet li diġa saru fil-passat fuq l-iżvilupp esaġerat f'dan is-sit.

362.10.4 Il-Viċi Sindku qal li f'applikazzjoni ta' żvilupp fi Triq l-Imqabba hemm imniżżel sit storiku. Huwa qal li l-Kunsill għandu jitlob iktar informazzjoni fuq dan.

362.10.5 Rigward applikazzjoni ta' żvilupp minn 'disused farm to residence', fiż-żona ta' Ħal Xluq, il-Viċi Sindku ppropona li ssir sottomissjoni mill-Kunsill Lokali minħabba li kien se jiġi estiż l-iżvilupp u minħabba li din hija żona rurali b'valur storiku.

362.10.6 Il-Kunsillier Mark Anthony Vassallo nnotta li kien hemm applikazzjoni għal solar farm f'barriera. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li tinġieb informazzjoni u titfassal pożizzjoni tal-Kunsill Lokali skont l-pożizzjoni li kien ħa l-Kunsill Lokali fuq solar farms barra miż-żona tal-iżvilupp.

362.11 **Rapport tal-Korrispondenza**

Ġiet preżentata lista ta' korrispondenza riċevuta mill-aħħar Seduta sal-lum.

362.11.1 Is-Sindku rreferiet għal Ċirkulari Numru SPI 12/2018 - Skema Finanzjarju favur il-Komunità - Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports. Hija qalet li f'din l-iskema ġie sottomess il-bdil tar-running track u bdil ta' apparat fl- outdoor gym. L-iskema toffri finanzjament ta' 85% u bilanċ ta' 15% mill-Kunsill.

362.11.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill fl-iSkema Finanzjarja - Korsijiet Lifelong Learning 2018-2019 (Ċirkulari Numru SPI 01/2018) ġiet aċċettata.

362.12 **Rapport tal-ilmenti**

362.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat rapport tal-ilment li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

362.13 **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkunu meħtieġa**

362.13.1 Il-Kunsillier Dr. Mark Vassallo ġibed l-attenzjoni fuq kwantita' ta' żrar u ħamrija li nġabar bix-xita mar-roundabout tal-bypass.

362.13.2 Il-Kunsillier Domnic Grech qal li rċieva ilmenti minn residenti Tal-Lawrenti li l-borża l-griża mhix tinġabar regolarment. Huwa qal li reġa qed ikun hemm tpoġġija ta' skart illegali fl-area ta' Ramija HE, u propona biex tinġieb stima għal twaħħil ta' CCTV.

362.13.3 Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li qed ikun hemm ipparkjar ħażin fi Triq l-Imqabba ħdejn Gnien il-Kmand, li qed jingombra t-triq u joħloq periklu.

362.13.4 Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace ġibdet l-attenzjoni fuq bankina mkissra fi Triq il-Wied kantuniera ma' Triq Dun Manwel Zammit.

**362.14 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

362.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**362.14.2 Quarterly Report – Lulju-Settembru 2018**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-Quarterly Report għat-tielet kwart tas-sena, għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva r-rapport kif preżentat.

**362.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

362.15.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.30p.m. u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar l-Erbgħa 28 ta' Novembru 2018 fil-5.00ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 28 ta' Novembru 2018.

| | |
|---|---|
| Dr Alessia Psaila Zammit | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |